MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2012

Numru 997/2012

**Il-Pulizija**
(Spettur Mario Haber)

**vs.**

**Ramadan Kasem Rano**
**Khamis Khalil Khaloussi**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Ramadan Kasem Ramo,** ta' sebgha u ghoxrin (27) sena ta' nazzjonalita' Sirjana, bin Abdou u Ghabsha, imwieled f'Aleppo is-Sirja fil-5 ta' Marzu 1985, detentur ta' passaport Sirjan numru 003054188, u **Khamis Khalil Khaloussi,** ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, ta' nazzjonalita' Sirjana, bin Mohamad u Ghazala, mwieled f'Aleppo s-Sirja fit-2 t'Ottubru 1988, detentur ta' passaport Sirjan numru 006591658, akkuzati talli;

Fit 28 ta’ Settembru 2012, f’dawn il-gzejjer iffalsifikaw, biddlu jew ghamlu xi tibdil f’Passaporti, Karti ta’ l-Identita’ u Permessi ghar-Residenza jew uzaw jew kellhom fil-pussess taghhom xi Passaporti, Karti ta’ l-Identita’ u Permessi ghar-Residenza li huma kienu jafu li gew iffalsifikati, imbiddla jew sar xi tibdil fihom f’isimhom stess, b’nazzjonalita Rumena bin-numri 85294360 u 85294361 rispettivament (Kapitolu 61, Section 5 tal-Ligijiet ta’ Malta);

Matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamlu falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlu uzu minn xi dokumenti ohra iffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija (Kapitolu 9, Section 189 tal-Ligijiet ta’ Malta);

Matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi iffalsifikaw xi dokumenti jew kopji vera ta’ dokumenti jew registrazzjonijiet maghmula skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kapitolu 217, Section 32(1d) tal-Ligijiet ta’ Malta).

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet lill-imputati jammettu l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u semghethom jikkonfermaw l-ammissjoni taghhom anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw l-pozizzjoni taghhom.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara li l-ewwel (1) u t-tielet (3) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat huma alternattivi ghat-tieni imputazzjoni u li l-imputati kkooperaw mal-Pulizija.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi dwar il-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi fosthom: fuq naha wahda, l-ammissjoni bikrija tal-imputati f'dawn il-proceduri, il-ko-operazzjoni taghhom mal-Pulizija, id-dikjarazzjoni tal-Ufficjal Prosekutur li l-ewwel (1) u t-tielet (3) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat huma alternattivi ghat-tieni imputazzjoni, u, fuq in-naha l-ohra, in-natura tar-reati addebitati lill-imputati, li huma reati serji.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 32(1)(d) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u tikkundannahom ghal perijodu ta' tmien xhur prigunerija kull wiehed.

Il-Qorti tordna li *ai termini* ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------